A.L. 3 ta' l-1980

ORDINANZA TA' L-1961 DWAR DAZJU TAS-SISA FUQ 'CROWN CORKS' U KONĊENTRATI MĦUX-ALKOHOLIKI

(ORDINANZA NRU. XXI TA' L-1961)

Regolamenti ta' l-1980 dwar Xorb Mhux-alkoholiku (Esklużjoni ta' Meraq tal-Frott u Nektar tal-Frott)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 ta' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar Dazju tas-Sisa fuq *Crown Corks* u Konċentrati Mhux-alkoholiki, il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 dwar Xorb Mhux-alkoholiku (Esklużjoni ta' Meraq tal-Frott u Nektar tal-Frott). Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti — Tifsir.

"meraq tal-frott" tfisser il-meraq li jista' jiġi iffermentat iżda li ma jkunx iffermentat li jinkiseb mill-frott bi proċess mekkaniku u li jkollu l-lewn, ir-riħa u t-togħma karatteristiċi tal-frott li jinkiseb minnu u tinkludi l-prodott li jinkiseb biż-żieda ta' ilma mal-meraq tal-frott konċentrat fi kwantità li ma tkunx iżjed minn dik li tkun tinsab f'meraq mhux konċentrat bħal dan ta' kompożizzjoni normali u li jkollu l-karatteristiċi organoleptiċi u analitiċi ta' meraq tal-frott miksub bi proċess mekkaniku kif intqal qabel;

"meraq tal-frott konċentrat" tfisser meraq tal-frott li jkun ġie konċentrat bit-tneħħija ta' parti mill-kontenut ta' l-ilma tiegħu, iżda ma tinkludix meraq tal-frott imnixxef;

"*purée* tal-frott" tfisser il-prodott li jista' jiġi iffermentat iżda li ma jkunx iffermentat, li jinkiseb billi l-parti kollha li tittiekel tal-frotta jew il-frotta mqaxxra titgħaffeġ u tissaffa;

"nektar tal-frott" tfisser il-prodott li jista' jiġi iffermentat iżda li ma jkunx iffermentat li jinkiseb biż-żieda ta' zokkor jew ilma u zokkor mal-meraq tal-frott konċentrat, mal-*purée* tal-frott, mal-*purée* tal-frott konċentrat jew ma' taħlita ta' dawn il-prodotti, hekk iżda li mhux inqas minn erbgħin fil-mija tal-prodott bil-piż jinkiseb minn frott u li l-kontenut taz-zokkor miżjud, kalkolat bħala materja niexfa, ma jkunx iżjed minn għoxrin fil-mija bil-piż tal-prodott lest.

3. Meraq tal-frott u nektar tal-frott huma b'dan eskluż mill-espressjoni "xorb mhux-alkoholiku" li tinsab fl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza ta' l-1961 dwar Dazju tas-Sisa fuq *Crown Corks* u Konċentrati Mhux-alkoholiki. Klawżola ta' esklużjoni.